# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLEF
## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgħa, 13 ta' Marzu, 2024.**

**Kawża Nru. 4**

**Rik. Nru. 79/2023 ISB**

**Amanda Aloisio (K.I. 465978M)**

**Philip Micallef Eynaud (Passaport Malti Nru 881229)**

**Cecily Federico (K.I. 312451M)**

**Marguerite sive Greta mart Tony Nicholl (K.I. 779252M)**

**Chantal Aloisio (K.I. 387974M)**

**Avukat Dottor Alexander Borg Olivier (K.I. 145446M)**

**George Simonds (K.I. 298285M)**

**Stefano Borg Olivier (K.I. 394390M)**

**Jean-Claude Alexander Borg Olivier (K.I. 508568M)**

**Alexander Bethune Mattei (Passaport Malti Nru 1369716)**

**Lydia Mattei (Passaport Irlandiż Nru EM 3219673) bħala Trustees tal-mejjet Gerlad Mattei li miet fit-22 ta' Frar 1997**

**Vs**

**Avukat tal-Istat**

**Carmel (K.I. 480744M) u Carmela (K.I. 204245M) Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors Ġuramentat** ta' **Amanda Aloisio et**, li permezz tiegħu, talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *...joghgobha tirrevoka s-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2022, fil-kawza fl-ismijiet premessi, u tordna r-ritrattazzjoni tal-istess a tenur tal-Artikolu 811(e), 811(h) u 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

U dan wara illi ppremettew:

*Illi bir-rikors kostituzzjonali taghhom l-esponenti ppremettew u talbu is-segwenti:-*

*i. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond **39, Triq il-Wied, Qormi** li huma wirtu minghand il-mejta genituri taghhom Veronica armla minn Edward Micallef Eynaud, Alexandra armla minn Nutar Giorgio Borg Olivier u Gerald Mattei, in kwantu ghal terz indiviz lill-eredi ta' Veronica Micallef Eynaud, terz indiviz lill-eredi ta' Alexandra Borg Olivier, u terz indiviz lill-eredi ta' Gerald Mattei.*

*ii. Illi Veronica Micallef Eynaud mietet fl-14 ta' Jannar 2012, u l-wirt taghha ddevolva fuq uliedha Marguerite Nicholl, Cecily Federico, u ulied bintha mejta Amanda u Chantal Aloisio.*

*iii. Illi Alexandra armla minn Nutar Giorgio Borg Olivier mietet fil-25 ta' Frar 2009 u l-wirt ta' Alexandra Borg Olivier iddevolva fuq l-*

*erba' uliedha r-rikorrenti Avukat Dottor Alexander Borg Olivier, Jean-Claude Alexander Borg Olivier, l-mejjet Peter Borg Olivier u l-mejta Angela Simonds.*

- ***iv.*** *Illi Angela Simonds mietet fit-18 ta' Frar 2008 u ppremoriet lil ommha ghalhekk sehemha mill-wirt taghha ddevolva direttament fuq l-unika binha George Simmonds.*
- ***v.*** *Illi Peter Borg Olivier miet fit-19 ta' April 2012 u l-wirt tieghu ddevolva fuq ibnu Stefano Borg Olivier.*
- ***vi.*** *Illi Gerald Mattei miet fit-22 ta' Frar 1997 u bit-testment tieghu huwa nnomina bhala trustees lir-rikorrenti Lydia Mattei u Alexander Mattei biex jirraprezentaw il-gid tieghu wara mewtu.*
- ***vii.*** *Illi l-proprjeta' in kwistjoni giet akkwistata mill-ahwa Mattei, ossia Veronica Micallef Eynaud, Alexandra Borg Olivier u Gerald Mattei wara l-mewt tal-genituri taghhom u minkejja illi huwa ddividew hafna mill-proprjeta' in kwistjoni b'kuntratt ta' divizjoni tat-2 ta' Gunju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor Frank Xavier Dingli, hawn anness u mmarkat bhala* ***"Dokument A",*** *mill-wirt tal-mejta ommha Maria Costantina Mattei, li mietet fit-23 ta' Jannar 1949, u li l-wirt taghha ddevolva b'testment tal-20 ta' April 1948 fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri, huma hallew din il-proprjeta u proprjetajiet ohra in komun bejniethom.*
- ***viii.*** *Illi din il-proprjeta kienet mikrija lill-intimati Debono ghal hafna snin b'kera irrizorja li ai termini tal-Att X tal-2009 llum saret €209.64c fis-sena, u liema kera ilha ma tithallas is-snin.*
- ***ix.*** *Illi ai termini tal-Ordinanza XVI tal-1944, ir-rikorrenti u l-antekawza minnha ma setghu qatt jikru l-fond in kwistjoni fis-suq stante illi l-kera tar-residenzi ta' fondi li ma kienux dekontrollati ossia li ma jaqghux taht id-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u huma regolati bil-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta, ma setghu qatt jizbqu l-valur lokatizju ta' dak li l-fond seta' jgib fl-4 ta' Awwissu 1914.*
- ***x.*** *Illi ai termini tal-istess ligi bl-emendi li sarulha bl-Att X tal-2009, r-rata tal-*

*kera ghandha tizdied biss darba kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li jmiss fl-1 ta' Jannar 2022, liema awmenti huma tenwi ghall-ahhar.*

***xi.*** *Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilina intimati Darmanin bid-dispozizzjonijiet tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 mhumiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

***xii.*** *Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.*

***xiii.*** *Illi r-rikorrenti m'ghandhiex rimedju effettiv ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante illi hija ma tistax zzid il-kera b'mod ekwu u gust skond il-valur tas-suq illum, stante illi dak li effettivament huwa jista jitlob li jircievi huwa dak kif limitat bl-artikolu 1531C tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***xiv.*** *Illi dan kollu gja gie determinat fil-kawzi* ***Amato Gauci Vs Malta no. 47045/06 deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-15 ta' Settembru 2009 u Lindheim and others Vs Norway nru. 13221/08 u 2139/10 deciza fit-12 ta' Gunju 2012 u Zammit and Attard Cassar vs Malta applikazzjonu nru. 1046/12 deciza fit-30 ta' Lulju 2015; Anthony Debono et vs Avukat Generali et deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-8 ta' Mejju 2019; u Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019.***

***xv.*** *Illi gialadarba r-rikorrenti qed jsofri minn nuqqas ta' "fair balance" bejn l-*

*interessi generali tal-komunita' u l-bzonnijiet u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif deciz b'* ***Beyeler vs Italy nru. 33202/96, J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd vs the United Kingdom [GC], nru. 44302/02, § 75, ECHR 2007-III)*** *u ghalhekk hemm lezjoni tal-principju ta' proporzjonalita kif gie deciz f'****Almeida Ferreira and Melo Ferreira vs Portugal nru. 41696/07 § 27 u 44 tal-21 ta' Dicembru 2010.***

***xvi.*** *Illi r-regolamenti ta' kontroll tal-kera huma interferenza flagranti mad-dritt tas-sid ghall-uzu tal-proprjeta tieghu stante illi dawn l-iskemi ta' kontroll tal-kera u restrizzjonijiet fuq id-dritt tas-sid li jittermina l-kirja tal-inkwilini u wisq inqas ta' min qed jipprova jippresta lilu nnifsu bhala inkwilin meta mhuwiex jikkostitwixxi kontroll tal-uzu tal-proprjetà fit-termini tat-tieni paragrafu tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (vide* ***Hutten-Czapska vs Poland [GC], nru. 35014/97, §§ 160-161, ECHR 2006-VIII, Bitto and Others vs Slovakia, nru. 30255/09, § 101, 28 ta' Jannar 2014 u R&L, s.r.o. and Others §108****).*

***xvii.*** *Illi l-anqas huwa gust u ekwu illi l-fond in kwistjoni ghandu jkollu l-istess valur lokatizzju impost bil-ligi ai termini tal-Artikolu 1531C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***xviii.*** *Illi l-valur lokatizju tal-post huwa ferm oghla minn dak li l-ligi imponiet li r-rikorrenti ghandha tircievi, b'tali mod illi bid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea il-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXXI tal-1995 u l-emendi li saru bl-Att X tal-2009 jilledi d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti taht l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll ta' l-Artikolu 1 tal-Protocol Nru. 1 tal-Konvenzjoni Ewropea u ghalhekk il-Ligi fuq imsemmija ghandha tigi ddikjarata anti-kostituzzjonali u ghandha tigi emendata, kif del resto diga gie deciz mill-****Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza Amato Gauci vs Malta – deciza fil-15 ta' Settembru, 2009 u Zammit and Attard Cassar vs Malta deciza fit-30 ta' Lulju 2015 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem****.*

xix. *Illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem diga kellha okkazjoni tikkummenta diversi drabi f'kazi li rrigwardjaw lil Malta li ghalkemm m'hemmx dubju li l-Istat ghandu dover u allura d-dritt li jintervjeni biex jassikura abitazzjoni decenti lil min ma jistax ikollu dan bil-mezzi tieghu stess, li ndividwu jigi privat mill-uzu liberu tal-proprjeta' ghal hafna snin u fil-frattemp jircievi kera mizera, jammonta ghall-ksur tad-dritt in kwistjoni. Fil-kawza* ***"Ghigo vs Malta", deciza fis-26 ta' Settembru 2006****, il-Qorti sabet li jezisti l-ksur tad-dritt in kwistjoni ghaliex ir-rikorrenti gie privat mill-proprjeta' tieghu tnejn u ghoxrin (22) sena qabel u kien jircievi hamsa u hamsin (55) Euro fis-sena bhala kera. Fis-sentenza* ***"Fleri Soler et vs Malta"****, moghtija fl-istess data, l-istess Qorti sabet li d-dritt fundamentali tar-rikorrenti gie lez u allura qalbet sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta kif gara wkoll fil-kawza ta'* ***"Franco Buttigieg & Others vs Malta" deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fil-11 ta' Dicembru 2018 u "Albert Cassar vs Malta" deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fit-30 ta' Jannar 2018.***

xx. *Illi b'sentenza deciza mill-****Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Nru. 89/18 LM fl-ismijiet Anthony Debono et vs l-Avukat Generali et, fit-8 ta' Mejju 2019****, din l-Onorabbli Qorti ddecidiet illi l-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta u l-emendi tal-Att X tal-2009 jilledu d-drittijiet kostituzzjonali tas-sidien stante li ma nzammx proporzjon bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilin, u li s-sidien mhux qed jircievu l-kera gusta fis-suq, biex b'hekk l-Avukat Generali gie kkundannat jhallas danni ta' €20,000 lir-rikorrenti oltre l-ispejjez kollha tal-kawza, u l-istess gie deciz fil-kawza* ***<u>Rikors Kostituzzjonali Nru. 22/2019 fl-ismijiet Joseph Grima et vs Avukat Generali et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar l-10 ta' Ottubru 2019 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-27 ta' Marzu 2020.</u>***

xxi. *Illi fil-kawza* ***Rikors Nru. 39/18 FDP fl-ismijiet George Olof Attard et vs Avukat Generali et deciza finalment mill-Prim' Awla tal-Qorti***

***Civili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-21 ta' Novembru 2019*** *u mhux appellata, din l-Onorabbli Qorti, f'cirkostanzi simili ghal dawk odjerni, izda fejn il-ksur lamentat sab l-origini tieghu fid-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, u b'hekk xorta wahda japplika l-istess insenjament ghall-kaz odjern, il-Qorti sahansitra laqghat t-talba biex jiġi żgumbrat l-intimat Edgar Warrington u kwindi jingħata pussess liberu lir-rikorrenti tal-fond in kwistjoni u ordnat lill-istess Edgar Warrington jiżgombra l-fond u dan entro sitt xhur mid-data tas-sentenza bl-obbligu fuq l-intimat li jħallas lir-rikorrenti kera ta' sebgħa mitt Euro (€700) fix-xahar mid-data tas-sentenza sal-eventwali ritorn tal-fond lir-rikorrenti.*

***GHALDAQSTANT*** *ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi, sabiex jghidu l-intimati ghalhiex m'ghandhiex:*

***(I)*** ***Tiddikjara u Tiddeciedi*** *illi fil-konfront tar-rikorrenti il-fatti suesposti u l-operazzjonijiet tal-Ordinanza li Tirregola l-Tigdid tal-Kiri tal-Bini ossija l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Att X tal-2009, bl-operazzjonijiet tal-Ligijiet vigenti qieghdin jaghtu dritt ta' rilokazzjoni indefinita lill-intimati Carmel (480744M) u Carmela (204245M) Debono ghall-fond 39, Triq il-Wied, Qormi, u dan bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti inter alia fl-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta), u b'hekk ghar-ragunijiet fuq esposti u dawk li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ghandha tinghata r-rimedji kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrulha xierqa fic-cirkostanzi.*

***(II)*** ***Tiddikjara u Tiddeciedi*** *illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli ghal kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza ta' l-operazzjonijiet tal-Kap. 69 u l-Att X tal-2009 tal-Ligijiet ta' Malta talli ma nzammx bilanc u proporzjon bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwilina*

*peress illi l-kera pagabbli a tenur tal-ligijiet vigenti ma tirriflettix is-suq u l-anqas il-valur lokatizzju tal-proprjeta' in kwistjoni wkoll ai termini tal-Ligi.*

***(III) Tillikwida** l-istess kumpens u danni kif sofferti mir-rikorrenti, wkoll ai termini tal-Ligi.*

***(IV) Tikkundanna** lill-intimat Avukat tal-Istat jhallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-Ligi, bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern sad-data tal-effettiv pagament.*

***Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni ta' l-intimati minn issa għas-subizzjoni.***

*Illi bir-risposta tieghu l-Avukat tal-Istat eccepixxa illi r-rikorrenti jridu jipprovaw it-titolu taghhom; illi jridu jindikaw l-Artikoli tal-Kap. 69 tal-Ligijiet ta' Malta; illi l-esponenti jirrispingi dawn l-allegazzjonijiet stante li m'hemm ebda ksur tad-drittijiet fundamentali; illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhux leziv; u illi l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea; illi l-Ligi thalli lill-Istat margini wiesgha fl-interess pubbliku socjali u ekonomiku tal-pajjiz; illi l-kera mhix sproporzjonata; illi m'ghandux jkun hemm spekulazzjoni; illi l-emendi tal-Att X tal-2009 ghandhom jkunu bizzejjed ghaz-zieda fil-kera; illi m'hemm l'ebda theddida imminenti u attwali;*

*Illi l-intimati Debono ressqu s-segwenti eccezzjonijiet:*

*1. Illi t-talbiet attrici, in kwantu diretti fil-konfront tal-esponenti ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispcjjez, stante Ii huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ampjament spjegat hawn taht u ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri;*

*2. Illi in linea preliminari1-esponenti jecepixxi illi huma mhumiex il-legittimu kontradittur fl-azzjoni odjema tal-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attur u dana stante li 1-ilment attrici huwa wiehed t'indoli kostituzzjonali u konvenzjonali li certament huwa ma kkomettewx;*

3. *Illi in linea mas-suespost, huwa ghalhekk l-Istat il-legittimu kontradittur fkawzi ta' natura kostituzzjonali u/jew konvenzjonali, u ghalhekk 1-esponenti ghandhom jigu liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez inkorsi kontra r-rikorrenti;*

4. *Mi minghajr pregudizzju ghall-premess, f kaz li l-partecipazzjoni tal-esponenti fil-proceduri odjemi tigi kkunsidrata bhala essenzjali u mehtiega, kemm ghall-integrita tal-gudizzju kif ukoll peress li 1-proceduri odjemi jaffetwawhom qua inkwilini tal-fond in kwistjoni, huma m'ghandhomx legalment jirrispondi ghal kwalsiasi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ligi applikata;*

5. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, stante li huwa 1-Istat biss li jista' jirrispondi ghall-allegazzjoni rigwardanti l-vjolazzjoni o meno ta' xi dritt fundamentali tarrikorrenti stante li l-esponenti ma jistghu qatt jaghtu rimcdju ghall-allegat lezjoni ta' dritt fundamentali li certament huwa ma kkommettewx, l-esponenti m'ghandhomx jigu kkundannati sabiex jizgombraw mill-fond in kwistjoni, fl-eventwalita li din l-Onorabbli Qorti ssib vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

6. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jeccepixxi illi r-rikorrenti naqsu milli jezawrixxu dawk ir-rimedji ordinarji ghad-disposizzjoni taghhom;*

7. *Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-suespost,ir-rikorrenti intavolaw ukoll rikors quddiem il-Bord li Jirregola I-Kera ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta'Malta fl-isrmjiet Aloisio Amanda et vs Debono Carmel et (Rikors Numru 612/2021), li permezz tieghu r-rikorrenti talbu lill-Bord sabicx iwettaq it-Test tal-Mezzi fuq l-intimati u f'kaz li dawn jissodisfaw t-Test tal-Mezzi, r-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jirrevedi I-ammont u l-kundizzjonijiet tal-kera u f'kaz li l-intimati ma jissodisfawx dan it-Test, ir-rikorrenti talbu lill-Bord sabiex jordna I-izgumbramcnt tal-intimati;*

8. *Illi r-rikorrenti ntavolaw r-rikors quddiem il-Bord li Jirregola I-Kera minghajr ma stennew l-ezitu tal-kawza quddiem il-Bord;*

*9. Illi in oltre u bla pregudizzju ghas-suespost, jinghad illi permezz tal-Att XXIV tal-2021 intlahaq bilanc bejn l-interessi tas-sid u tal-inkwilin;*

*10. Illi fkull kaz u minghajr pregudizzju, l-esponenti huma t-tnejn persuni anzjani u li ottemporaw ruhhom mal-kundizzjonijiet tal-kera u agixxew fil-parametri tal-ligi vigenti. Fil-fatt, huma dejjem hallsu puntwalment kwalsiasi ammont ta' kera dovuta lis-sid u zammu il-fond f kundizzjoni tajba;*

*11. Salv eccezjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti umilment titlob bir-rispett lil dina 1-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-pretensjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti safejn jolqtu lil1-esponenti bhala nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u konsegwentamcnt tichadhom.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti jew kontra l-intimat Avukat tal-Istat.*

***Illi permezz tas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2022, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha iddecidiet kif gej:***

*"Għaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha hawn fuq sollevati u ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat fis-sens illi r-rikorrenti naqqsu milli jġibu prova ċara tat-titolu tagħhom fuq il-fond mertu talkawza, u konsegwentament qed ticħad it-talbiet kollha attrici.*

*Spejjeż kollha, inkluż tal-konvenuti Debono, li ghandhom jitħallsu mir-rikorrenti."*

*Illi ghalhekk kien jehtieg illi jigi intavolat dan ir-rikors ghar-rittrattazzjoni tal-kawza ai termini tal-Artikolu 812, stante illi jikkonkorru l-elementi tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia l-Artikolu 811 (e), 811(h) u l-Artikolu 811 (l), u dan kif se jigi spjegat.*

***Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*(e) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

> *għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, l ifuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;*

*Illi s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili applikat il-Ligi hazin stante illi huwa principju assodat u ben risaput illi f'kawzi simili ghal dik li dwarha qed tintalab ir-ritrattazzjoni, ghalkemm it-titolu ghandu jigi pruvat sodisfacentement, il-kawza kif osservat tajjeb l-Onorabbli Qorti, ma hemmx il-htiega li tingieb il-prova diabolica hekk kif inhu mehtieg f'kawza actio rei vindicatoria. Anzi dak li jrid jigi pruvat huwa il-konnessjoni bejn is-sidien u l-inkwilini.*

*Dwar dan il-punt partikolari, L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-Sede Kostituzzjonali taghha, f'sentenza tas-7 ta' Frar 2017 fl-ismijiet* ***Robert Galea vs Avukat Generali et***[1] *sahhqet:*

***"Illi biex wieħed ikun f'qagħda li juri li ġarrab ksur tal-jedd fundamentali tiegħu taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni m'għandux għalfejn jipprova titolu assolut u lanqas wieħed oriġinali bħallikieku l-azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali kienet waħda ta' rivendika[2]. Huwa biżżejjed, għall-finijiet ta' dak l-artikolu, li wieħed juri li għandu jedd fil-ħaġa li tkun li bih jista' jieqaf għall-pretensjonijiet ta' ħaddieħor. Imbagħad, għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-***

[1] Rikors Numru: 50/15 JRM
[2] Kost. **27.3.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et***

***Konvenzjoni, huwa biżżejjed li l-persuna turi li kellha l-pussess tal-ħaġa li tkun;***

*Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrent seħħlu juri li huwa għandu titolu tajjeb għall-post li jintitolah jippretendi li jgawdi l-jeddijiet tiegħu fuqu u li jitlob il-ħarsien tal-istess jeddijiet f'każ ta' ċaħda tagħhom;" (enfasi mizjud).*

*Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet* ***Victor Gatt et vs Avukat Generali et*** *deciza nhar il-5 ta' Lulju, 2011 il-Qorti Kostituzzjonali rrilevat illi:*

*'Din il-Qorti tirrileva li din l-azzjoni mhix wahda rei vindicatoria, u kwindi mhux mehtieg il-prova diabolica ta' titolu originali. Hu bizzejjed li r-rikorrenti juru interess guridiku fl-esitu ta' din il-kawza'*

*L-istess inghad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Agostina sive Ina Cini et vs Avukat Generali et*** *fejn permezz tas-sentenza ricenti tal-1 ta' Frar 2023, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali sostniet illi:*

*"Il-Qorti fl-aħħarnett tqis ukoll li f'proċeduri bħal dawk odjerni,* ***il-prova tat-titolu tar-rikorrenti mhijiex dik rikjesta fl-actio rei vindicatoria,*** *u huwa suffiċjenti li l-Qorti tkun sodisfatta li l-proprjetà in kwistjoni tappartjeni lir-rikorrenti."* [3] *(enfasi mizjud)*

*Illi ghandu jinghad li mhux talli ingabet din il-prova bid-dokumenti ta' provenjenza esebiti li jaghmlu referenza ghall-proprjeta' numru 39 gja 97 fi Strada Vallone, f'Hal Qormi mill-eredita' ta' Alfredo Mattei, tant li giet esebita s-successjoni tal-istess Alfredo Mattei bhala Dokument KM2 u minn fejn jirrizulta illi din id-denunzja giet mahlufa minn ibnu Gerald Mattei u anki hemm imnizzel l-arblu tar-razza fit-tieni pagna tal-istess dokument minn fejn jirrizulta li uliedu*

[3] Rikors Numru 743/2021 LM

*kienu Alexandra Borg Olivier, Veronica Micallef Eynaud u Gerald Mattei biex b'hekk din il-proprjeta' intirtet in kwantu ghal terz indiviz (1/3) kull wiehed.*

*Illi gie ppruvat mid-denunzja tal-mejjet Alfredo Mattei esebit fl-atti ta' din il-kawza bhala Dokument KM2 fis-seduta tas- 26 ta' Settembru 2022, li l-proprjeta' in kwistjoni 39 gja 97, Strada Vallone, Qormi, ossija Triq il-Wied, Qormi, kienet proprjeta' tieghu.*

*Illi Alexandra Borg Olivier, Veronica Micallef Eynaud u Gerald Mattei huma mejta, u s-sehem taghhom gie diviz kif se jigi spjegat.*

***Illi ghar-rigward it-terz indiviz (1/3) tal-imsemmija Alexandra Borg Olivier**, dan iddevolva fuq uliedha Avukati Dottor Alexander Borg Olivier, il-mejjet Peter Borg Olivier, il-mejta Angela Simonds u Jean Claude Borg Olivier skont testment taghha fl-atti ta' din il-kawza Dokument KM4 tad-19 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar Sam Abela.*

*Illi Angela Simonds mietet fit-18 ta' Frar 2008, qabel Alexandra Borg Olivier, u ghalhekk sehemha mill-wirt ta' ommha iddevolva fuq l-unika binha George Simonds kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis in parte tas-17 ta' Frar 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Lanfranco dokument KM5 fil-process.*

*Illi Peter Borg Olivier miet fid-19 ta' April 2012 u l-wirt tieghu iddevolva ab intestato fuq l-unika ibnu Stefano Borg Olivier kif jirrizulta mid-dikjarazzjoni causa mortis tas-26 ta' Marzu 2013 fl-Atti tan-Nutar Dottor Clyde La Rosa dokument KM6 fil-process.*

*Illi konsegwentement, l-ulied ta' Alexandra Borg Olivier ossija Dottor Alexander Borg Olivier u Jean Claude Borg Olivier u n-neputijiet taghha wlied Peter Borg Olivier u Angela Simonds ossija Stefano Borg Olivier u George Simonds ghandhom dodicezima parti indiviza (1/12) mill-istess eredita.*

*Illi permezz tal-affidavit ta' Marguerite Nichol esebit mar-rikors promotur, dawn il-fatti kif fuq elenkati gew ukoll konfermati bil-gurament taghha.*

*Illi gie esebit ukoll kopja ta' divizjoni parzjali tat-2 ta' Gunju 1960 fl-atti tan-Nutar Dottor Frank Xavier Dingli minn fejn jirrizulta dokumentat f'dokument A fil-process illi l-ahwa Mattei kienu Veronica Micallef Eynaud, Alexandra Borg Olivier u Gerald Mattei.*

***Illi ghar-rigward it-terz indiviz tal-mejta Veronica Micallef Eynaud,** dan jirrizulta mill-affidavit ta' Marguerite Nichol illi hija mietet fl-14 ta' Jannar 2012 u l-wirt taghha ddevolva fuq uliedha Marguerite Nichol, Cecily Federico, Philip Micallef Eynaud u wlied bintha mejta Amanda u Chantal Aloisio.*

*Illi in oltre, bid-dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tas-7 ta' Jannar 2013, immarkat fil-process bhala Dokument KM 3, ulied il-mejta Veronica Micallef Eynaud iddikjaraw parti mill-assi li huma wirtu minghand il-mejta ommhom biex b'hekk in-nexus bejn il-mejta Veronica Micallef Eynaud u wliedha jirrizulta mill-istess dikjarazzjoni hawn fuq imsemmija.*

***Illi ghar-rigward it-terz ta' Gerald Mattei**, dan intiret mit-testamentary trust f'isem it-trustees Alexander Mattei u Lydia Mattei liema dokumenti gew esebiti fit-18 ta' Novembru 2021 fl-atti ta' din il-kawza, id-Deed of Appointment tat-trustees datat 1-1 ta' Novembru 2021 koncernanti l-eredita tal- mejjet Gerald Mattei, immarkat bhala dokument ED1 fil-process.*

*Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car illi l-eredita' ta' Alfredo Mattei u sussegwentement ta' Alexandra Borg Olivier, Veronica Micallef Eynaud u Gerald Mattei iddevolvew fuq ir-rikorrenti odjerni u ghalhekk r-rikorrenti marru ben altru milli gabu prova tal-proprjeta' li huma wirtu minghand il-genituri taghhom.*

*Illi in oltre, b'nota tal-31 ta' Mejju 2022, in vista tal-verbal tat-30 ta' Mejju 2022, ir-rikorrenti indikaw illi l-proprjeta baqghet in komuni u ghalhekk ma gietx diviza bil-kuntratt esebit in atti u mmarkat bhala Dok A fil-process.*

*Illi r-rikorrenti kienu ilhom jircievu l-kera minghand l-intimati Debono, kif del resto kkonfermaw l-istess intimati Debono kemm bix-xhieda ta' Carmela Debono tas-16 ta' Frar 2022, kif ukoll bis-sentenza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera in kwantu kawza numru 612/2021 NB deciza fis-27 ta' Jannar 2023 fl-ismijiet* ***Aloisio Amanda Et Vs Debono Carmel Et*** *fejn il-kera in kwistjoni giet awmentata ghal €16,800, kopja taghha qed tigi hawn esebita ghal-judicial recognition stante li din is-sentenza giet moghtija wara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) u liema kopja qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala* ***Dok MM1****.*

*Illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2022, Carmela Debono l-inkwilina tal-fond in kwistjoni, telghet tixhed u kkonfermat li hija l-inkwilina ta' dan il-fond u li thallas il-kera lill-familji Borg Olivier, Micallef Eynaud u Mattei terz indiviz (1/3) kull wiehed u li kienet ilha taghmel hekk is-snin. Ghaldaqstant, il-pussess tar-rikorrenti mehtieg sabiex jigi pruvat it-titolu taghhom, mhux talli gie kkonfermat mis-sentenza tal-Bord sureferita, talli ikkonfermatu l-inkwilina stess permezz tax-xhieda taghha.*

*Illi dawn il-fatti kif esposti, mhux talli pruvaw illi hemm konnessjoni bejn is-sidien u l-inkwilini, talli pruvaw b'mod car li s-sidien ghandhom titolu sod naxxenti mid-dokumenti esebiti fl-atti ta' din il-kawza. Minkejja l-fatt li kif diga inghad, fil-verita ma kien hemm ebda necessita' li r-rikorrenti jippruvaw il-prova diabolica tal-actio rei vindicatoria, din il-prova xorta ingabet permezz tal-provi dokumentarji li gew prezentati u permezz tax-xhieda ta' Marguerite Nichol u ta' Carmela Debono l-inkwilina u kif del resto*

*gie sahansitra konfermat bis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera li ghaddiet in gudikat.*

***<u>Artikolu 811(h) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.</u>***

*(h) jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta'qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett,u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża*

*Ghanddu jinghad ukoll li r-ritrattandi kienu intavolaw proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fejn talbu s-segwenti:*

*I. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi ta' Carmel (480744M) u Carmela (204245M) Debono ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Artikolu 11(b)(5) tal-Att Dwar id-Djar li għandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom, u liema test tal-mezzi għandu jkun ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru tas-sena 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta' Diċembru 2020, u liema test tal-mezzi għandu jitmexxa b'referenza partikolari, inter alia, għar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) li għandhom japplikaw mutatis mutandi f'dan il-kaz.*

*II. Jiddikjara u Jiddeciedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera tal-fond 39, Triq il-Wied, Qormi, ghandha tigi riveduta ghal ammont li ma jeccedix it-2% fil-mija fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuh, u sabiex jigu stabbiliti kundizzjonijiet godda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

*III. Jordna u jikkundanna lill-intimati Carmel (480744M) u Carmela (204245M) Debono jibdew jhallsu din it-tali kera awmentata ai termini tal-Att XXIV tal-2021, b'effett mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern.*

*IV. Jordna, f'kaz illi l-intimati Carmel (480744M) u Carmela (204245M) Debono ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-izgumbrament taghhom mill-fond in kwistjoni, fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-prezentata tar-rikors odjern.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-intimati ghas-subizzjoni u b'riserva u minghajr pregudizzju ghal kwalsiasi azzjoni ohra li tista' talvolta tigi prezentata.*

*Permezz ta' sentenza tas-27 ta' Jannar 2023, il-Bord laqa' t-talbiet atturi kif gej:*

*Illi għalhekk għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mir-risposta tal-intimati u tal-Awtorita' tad-Djar billi:-*

*1. Jilqa' l-ewwel talba;*

*2. Jilqa' in parte t-tieni u t-tielet talbiet attrici u filwaqt li jiddikjara li l-intimati jissodisfaw il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi jordna illi l-kera talfond in meritu tiġi riveduta u awmentata għal sittax-il elf u tminn mitt Ewro (€16,800) fis-sena rappreżentanti 1.4% tal-valur tal-fond stmat mill-membri tekniċi u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza liema kera għandha tkun pagabbli f'żewġ skadenzi ossia fis-somma ta' €8,400 kull sitt xhur bil-quddiem u jordna lill-intimati sabiex ihallsu lir-rikorrenti l-kera kif hawn awmentata u bilmodalita' hawn stabbilita; filwaqt li kwantu ghat-talba biex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda, jiddeciedi li fin-nuqqas ta' provi specifici in rigward, għandha tapplika l-Liġi.*

*3. Jiċħad ir-raba' talba*

*4. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorita' safejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.*

*Kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.*

*Illi huwa evidenti, li meta wiehed jevalwa s-sentenza tal-Bord tas-27 ta' Jannar 2023 li llum-il gurnata ghaddiet in gudikat, flimkien ma' dik li dwarha qed issir it-talba ghar-ritrattazzjoni, jinnota li hemm numru ta' kontradizzjonijiet. L-ewwelnett l-eccezzjonijiet tal-konvenuti dwar il-prova tat-titolu tal-esponenti gew michuda quddiem il-Bord li Jirregola il-Kera, filwaqt li fil-kawza tal-Prim' Awla li dwarha qed issir din it-talba, inghad li t-titolu ma giex pruvat sodisfacentement.*

*B'kull dovut rispett, is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili holqot sitwazzjoni ta' incertezza fejn ir-ritrattandi, ghalkemm ottjenew ir-rimedju li toffri l-ligi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, u ai termini tal-Artikolu 11(b)(5) tal-Att Dwar id-Djar, ma jistghux jottjenu r-rimedju ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Tajjeb li jigi ssotolineat il-fatt, li l-intenzjoni tal-legislatur meta holoq ir-rimedju quddiem il-Bord kien proprju sabiex titnaqqas il-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-ritrattandi. Din il-vjolazzjoni, madanakollu, ilha tissussisti minn snin twal qabel il-legislatur provda dan ir-rimedju.*

*Ir-ritrattandi ma jistghux jifhmu kif setghu jirrikorru ghar-rimedju offrut mil-legislatur sabiex tigi minimizzata l-lezjoni li qed isofru bit-thaddim tal-ligijiet applikabbli, meta fl-istess hin il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qed tghid illi huma ma rnexxielhomx jippruvaw it-titolu taghhom sabiex ikunu jistghu jigu kumpensati ghal-lezjoni lil qed isofru. Dan meta sahansitra pproducew id-denunzja ta' Alfredo Mattei li kien il-proprjetarju tal-fond 39 gia 97 Triq il-Wied, Qormi, li miet ab intestato u li l-istess denunzja hija mahlufa minn ibnu Gerald Mattei u li jirrizulta mill-arblu tar-razza li uliedu kienu*

*Alexandra Borg Olivier, Veronica Micallef Eynaud u l-istess Gerald Mattei u li l-wirt tieghu ddevolva terz indiviz fuqhom. Illi wara l-mewt taghhom il-wirt taghhom iddevolva in kwantu Alexandra Borg Olivier, kif diga inghad, bid-dokument KM4 fl-atti processwali, KM 5 u KM 6, in kwantu ghal Veronica Micallef Eynaud il-wirt taghha iddevolva kif jirrizulta mid-dokument KM 3, waqt li ghar-rigward Gerald Mattei ddevolva fuqu skont id-dokument ED1 esebit fil-process.*

*Illi ghalhekk, ir-rikorrenti odjerni li llum ghandhom jircievu mill-konjugi Debono l-inkiwlini s-somma ta' € 16,800 bhala kera, ma jistghux jigu kkunsidrati li ma ghandhomx dritt jircievu l-kumpens ghal-lezjoni kostituzzjonali tad-drittijiet proprjetarji taghhom u tal-antekawza minnhom, meta huma ppruvaw in-nexus kif wirtu din l-istess proprjeta' minn tlett generazzjonijiet qabel.*

*Huwa fl-interess pubbliku li l-Qrati taghna jaghtu sentenza li jkunu sinkronizzati bejniethom, u dan mhux biss biex tinholoq certu uniformita' fl-interess tal-ordni pubblika, talli sabiex il-partijiet involuti jkollhom direzzjoni cara fuqiex jimxu. F'dan il-kaz, zgur illi ma inghatatx direzzjoni cara bic-cahda tal-kawza Kostituzzjonali meta l-Qorti sabet li r-rikorrenti ma ppruvawx it-titolu taghhom fuq il-proprjeta' in kwistjoni.*

***Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.***

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażatafuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li majeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament,*

*basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*

*Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kienet l-effett ta' zball jidher mill-atti u mid-dokumenti tal-kawza, stante illi jirrizulta bl-iktar mod car illi, kif gie spjegat fil-lanjanzi antecedenti u hawn isfel f'izjed dettall, il-provi esebiti juru mod iehor minn dak konkluz.*

*Illi hawnhekk issir referenza ghad-dokumenti KM2 – KM6, Dokumenti ED1, kif ukoll ghar-road renumbering annessa ma' dan ir-rikors bhala* ***Dok MM2*** *u ghax-xhieda ta' Carmela Debono, u ghas-sentenza deciza mill-Bord li Jirregola l-Kera sureferita, deciza fis-27 ta' Jannar 2023 annessa bhala* ***Dok MM1****, fejn gie kkonfermat li s-sidien ghandhom jircievu €16,800 minghand l-inkwilini Debono.*

*Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-fond 39, gia 97 Triq il-Wied ossija Strada Vallone, Qormi, huwa l-istess proprjeta' in kwistjoni.*

*Illi ghalhekk, il-Prim'Awla ghamlet zball ta' fatt meta qalet li fid-dokumenti esebiti ma kienx hemm referenza ghall-proprjeta' mertu tal-kawza u dan ghaliex meta jigu ezaminati bir-reqqa dawn l-istess dokumenti, kemm dawk esebiti mar-rikors promotur, kif ukoll dawk esebiti ma' noti sussegwenti fil-mori tal-proceduri, wiehed jinduna li l-proprjeta' mertu tal-kawza tissemma diversi drabi u l-provenjenza ta' tali proprjeta' hija spjegata b'mod ampjament car. Dan minkejja l-fatt illi l'isem tat-triq f'dawn il-kuntratti huwa kemmxejn differenti stante li qieghed miktub bil-lingwa Taljana u minfok Triq il-Wied issir referenza ghal Strada Vallone.*

*Illi kif jirrizulta mill-gurisprudenza nostrana, sabiex sentenza tkun tista' tithassar skont l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta'*

*Malta, l-izball irid ikun wiehed li jemani mis-sentenza nnifisha[4] u li jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt li ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom. Di piu, huwa importanti li l-iżball li jwassal għat-tħassir tas-sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża ikun krucjali sabiex il-gudikant ikun wasal ghad-deċiżjoni tieghu, fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza.[5]*

*Fil-kawza odjerna, l-Onorabbli Qorti ddikjarat illi:*

*"Għalhekk din il-qorti ma' tista bl-ebda mod tqis ruħha sodisfatta bil-prova tat-titolu mressqa mir-rikorrenti u bir-relazzjoni kontrattwali ta' lokazzjoni illi jallegaw illi tezisti"*

*Illi anke jekk l-Onorabbli Prim' Awla ma kinitx sodisfatta bit-titolu tar-ritrattandi, dan ma jfissirx li r-ritrattandi ghandhom ikomplu jigu mcahhda mir-rimedju ghal-lezjoni tad-drittijiet fundamentali taghhom. Specjalment meta jigi kkunisdrat il-fatt illi l-provenjenza fil-verita giet pruvata, u mhux talli hekk, talli gie pruvat anke dak li mehtieg ghal kawzi simili, u cioe li kien hemm relazzjoni ta' sidien u inkwilini bejn ir-ritrattandi u l-konvenuti ritrattati Debono.*

*Dan gie konfermat sahansitra mill-konvenuti Debono fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fejn ikkonfermaw it-tezi attrici meta sahhqu "Illi in oltre, fix-xhieda taghhom, l-esponenti Debono ikkonfermat illi hi u r-ragel taghha dejjem hallsu 1-kera regolarment kif mitlub, u dejjem hadu hsieb il-manutenzjoni tal-fond."*

*Li kieku kien il-kaz li r-rikorrenti ritrattandi ma kienux tassew is-sidien, zgur illi ma kienx ikun il-kaz li l-inkwilini jikkonfermaw dan*

---

[4]App. Ċiv. 3.4.1922 fil-kawża fl-ismijiet Bonniċi v. Galea Naudi (Kollez. Vol: XXV.i.137)

[5] App. Ċiv. 28.1.2005 fil-kawża fl-ismijiet Gourmet Company Ltd. et v. Mariano Vella et § 8

*it-titolu minn jeddhom. Di piu, l-inkwilini issa gew ikkundannati biex ihallsu kera ta' €16,800 lir-rikorrenti odjerni li qed jitolbu dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom stante illi ma nzamx bilanc bejn id-drittijiet taghhom bhala sidien u tal-antekawza minnhom, u dawk tal-inkwilini.*

*Illi b'kull dovut rispett, id-dokumenti ta' provenjenza setghu facilment jigu kontestati permezz ta' kontro-ezamijiet, fejn setghet tintalab izjed informazzjoni dwar il-provenjenza. Madanakollu fl-ebda waqt ir-ritrattandi ma gew mitluba sabiex jipprezentaw dokumenti ohra in sostenn tal-prova tat-titolu taghhom. Ghandu jinghad ukoll illi kemm ix-xhieda hawn fuq imsemmija, ix-xhieda kollha li giet prodotta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, kif ukoll in-nota ta' osservazzjonijiet ipprezentata fl-Ewwel Istanza juru bic-car dwar liema proprjeta' giet intavolata l-kawza odjerna.*

*Ir-ritrattandi umilment jissottomettu li dan mhux kaz ta' apprezzament hazin ta' fatti jew piz li inghatat lil prova izda kaz il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kkunsidrat nuqqas ta' prova meta fil-fatt il-prova kienet hemm skont dokument KM2-KM 6 u dokument ED1, u tali provi kellhom jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi deciz fattur essenzjali ghar-rizoluzzjoni tal-kwistjoni. Illi kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Leonard Muscat vs Onor. Prim Ministru** nhar il-31 ta' Lulju 2000, l-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenzi finali, bl-iskop li jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata 'miscarriage of justice' u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet[6] u huwa proprju dak li qed jigi ttentat li jintlahaq permezz tar-rikors odjern.*

*Huwa proprju ghal dawn ir-ragunijiet illi l-esponenti qeghdin jikkuntestaw is-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2022 u qeghdin*

[6] App. Civili (Sede Inferjuri) 14.04.2021 fil-kawza fl-ismijiet Filippa sive Phyllis Ebejer v Emanuel Attard u Maria Teresa Attard

*jikkontendu li ghandha tintlaqa' t-talba taghhom sabiex il-kawza tigi ritrattata.*

Rat id-dokumenti esebiti mar-Rikors promotur (fol 19 sa 33);

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-5 ta' Mejju 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta ġuramentata** tal-intimat **Avukat tal-Istat** intavolata fit-18 ta' April 2023 (fol 38) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' ritrattazzjoni ntavolat mir-rikorrenti sabiex issir ritrattazzjoni mill-kawża 575/2021 ISB fl-ismijiet Amanda Aloisia vs l-Avukat ta' l-Istat deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) presjeduta mill-Imħallef Ian Spiteri Bailey deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 20222 (minn hawn il-quddiem 'l-Ewwel Qorti'):*

*Fatti relevanti għar-rikors tar-ritrattazzjoni*

2. *Illi primarjament jiġu aċċenati s-segwenti fatti relevanti għar-rikors odjern:*
    a. *Ir-rikorrenti ma ntavolaw l-ebda appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti;*
    b. *L-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti abbażi tas-segwenti:*

    > *Il-Qorti ghalhekk, ma tistax tipprezumi illi ghaliex il-causa mortis esebiti jistghu jkunu parzjali, allura jista' jkun illi hemm proprjetajiet ohra, fosthom din in kwistjoni u mertu tal-kawza, illi ghad trid tigi dikjarata. Il-Qorti tqis illi l-prova ma ssirx hekk – u filmankanza ta' dokumentazzjoni appozita u relattiva ghall-fond de quo, ma tistghax taccetta illi r-rikorrenti jistriehu biss fuq dikjarazzjoni tal-inkwilina, li fl-apprezzament maghmul minn din il-Qorti, certament ma tistghax tistrieh fuqha.*
    > *Mill-apprezzament tal-provi illi ghandha l-Qorti quddiemha, ma tarax kif, fil-livell talprova necessarja f'kawzi bhal dawn, tista' tkun konvinta illi l-proprjeta' de quo hija tar-rikorrenti u li r-rikorrenti soffrew il-lezjoni minnhom allegat fir-rigward talimsemmija proprjeta`.*

*Għalhekk din il-qorti ma' tista bl-ebda mod tqis ruħha sodisfatta bil-prova tattitolu mressqa mir-rikorrenti u bir-relazzjoni kontrattwali ta' lokazzjoni illi jallegaw illi tezisti u kwindi sejra tilqa` l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.*

c. *Illi in suċċint jingħad illi r-rikorrenti naqsu milli jġib prova li ċarament turi li l-fond, li abbażi tiegħu ġiet intavolata l-kawża, kien l-istess fond li kien imsemmi f'xi wieħed mid-dokumenti mressqa mir-rikorrenti bħala prova tat-titolu;*
d. *Illi di piu', u skond il-verbal tas-26 ta' Settembru 2022, ir-rikorrenti, tramite d-difensuri tagħhom, ppreżentaw numru ta' dokumenti u dan wara li l-partijiet kienu ppreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet tagħhom. Ġara iżda li xorta waħda ma provdewx lill-Ewwel Qorti d-dokumentazzjoni neċessarja in risposta għall-eċċezzjoni tal-esponent Avukat tal-Istat;*
e. *Illi d-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet Aloisio Amanda et vs Debono Carmel et bejn ir-rikorrenti u l-inkwilini Debono, ngħatat nhar is-27 ta' Jannar 2023. Illi l-esponent Avukat tal-Istat ma kienx parti minn dik il-kawża 612/21 NB. L-Awtorita tad-Djar, li kienet parti mill-kawża 612/21 NB ,mhux parti mill-kawża 575/2021;*

*Preġudizzjali*

3. *Illi <u>in limine lites,</u> r-rikors miġjub mir-rikorrenti huwa inammissibli u null skont l-artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Liġiijiet ta' Malta stante li dan ir-rikors tressaq bħala rikors mhux maħluf minflok b'rikors ġuramentat;*

*Illi l-artikolu 815 tal-Kap 12 jaqra:*

> *15.Fil-qrati superjuri u fil-qrati inferjuri, it-talba għar-ritrattazzjoni, f'qorti tal-ewwel grad, għandha ssir b'rikors ġuramentat, u quddiem il-qorti fi grad ta' appell, b'rikors; flimkien mal-preżentata tar-rikors għandha tingħata l-garanzija għall-ispejjeż skont l-artikolu 249.*

*Illi tenut kont li din it-talba saret f'qorti tal-ewwel grad, u ċioe fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), ir-rikors għat-talba tar-ritrattazzjoni kellha ssir b'mezz ta' rikors ġuramentat;*

4. *Illi <u>in linea preliminari</u>, u mingħajr preġudizzju għas-suespost,* ***r-rikorrenti ma kellhomx jinqdew bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni meta kellhom disponnibli għalihom id-***

***dritt tal-appell*** *u din l-Onorabbli Qorti għanda tiċħad it-talba tar-ritrattazzjomi.*

*Illi r-rikorrenti ma rrikorrewx għall-appell mid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti.*

*Illi l-proċedura tar-ritrattazzjoni hija proċedura ta' natura straordinarja. Dan huwa prinċipju ben assodat li jmur lura għexieren tas-snin u li juri biċ-ċar illi l-proċedura ta' ritrattazzjoni hija intiża biss sabiex tkun utilizżata bħala rimedju ta' natura straodinarja stante li ma jeżisti l-ebda interess pubbliku li fejn parti ma taqbilx ma deċiżjoni allura terġa tittenta tiftaħ beraħ il-proċeduri:*

*"r-rimedju tar-ritrattazzjoni hu ta'* ***indoli straordinarja****, lummeggjat dan il-karattru straordinarju bl-istorja ta' dan l-istitut, bil-konsegwenza logika illi r-regoli li jiggovernaw l-istess istitut huma ta'* ***interpretazzjoni strettissima****. Diversament, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent ikun jista' jerga' jiftah il-kawza, u b'hekk indirettament jinholoq tribunal tat-tielet istanza"*

– ***Rev. Sacerdot Dun Giuseppe Aquilina v. Francesco Aquilina****, Appell Ċivili, 18 t'April 1958.*

*U*

*20. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża bħala grad ieħor ta' appell (ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, J.V. & S. Development Limited v. Id-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali mogħtija fit-28 ta' Jannar, 2021, Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et deċiża fil-21 ta' Mejju, 2019 u James Buttigieg et noe v. Michael Caruana et noe deċiża fit-28 ta' Frar, 2023).*

*21. Dan ir-rimedju huwa mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija. (ara s-sentenza ta' din il-Qorti, Rosa Fenech et v. Jane Cini et mogħtija fil-15 ta' Lulju, 2019).*

***- FM CORE ET v Ministeru ta' Għawdex,*** *Appell Ċivili, 12 April 2023*

***Illi abbażi ta' dan, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddeklina milli tqis dan ir-rikors, kif ddeċidew il-qrati nostrana tagħna f'każijiet simili:***

*23. Bħalma tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Benjamin Sultana v. Giuseppe Sammut deċiża fis-7 ta' Diċembru, 1964, il-fatt waħdu li ma jkunx sar l-appell mhuwiex fih innifsu raġuni ta' esklużjoni mir-ritrattazzjoni, jekk jintwera li r-raġuni għar-ritrattazzjoni ħarġet fil- beraħ u l-parti saret taf b'dik ir-raġuni wara li jkun ġa għalaq iż-żmien tal- appell[7]. Bil-maqlub però, jekk il-parti li tkun qiegħda titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li setgħu jagħtu lok għar-ritrattazzjoni, meta hi, kienet għadha tista' tinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell, hu sewwa li dik il- parti ma titħalliex teżerċita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni (ara Carmel Attard v. Mario Debono et, Appell Superjuri tas-7 ta' Ottubru 2005 u Vincent Azzopardi v. Blye Engineering Co. Ltd, Appell Inferjuri tat-28 ta' Jannar, 2004);*

*24. Fis-sentenza Joseph Cardona v. Marija Scicluna maqtugħa fil-5 ta' Ottubru, 1994, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat hekk dwar dan l-artikolu 812:*
*"Il-bażi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istatut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni tagħha mill-prinċipju kardinali li s-sistema ġudizzjarju hu mibni fuq l-opportunità ta' appell wieħed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess ħlief f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti terġa' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew ieħor għadda in ġudikat u jagħmel stat bejn il-partijiet. Hu għalhekk li ġustament il-liġi tal-proċedura biex tiffavorixxi l-istat ta' ċertezza ta' dritt tkompli tarġina u tillimita l- ta' ritrattazzjoni ta' kawżi deċiżi mill-Qorti tal-ewwel grad għall-każijiet eċċezzjonali kif provdut fl-Artikolu 812 fuq ċitat. Każijiet li jeżiġu bħala rekwiżit sine qua non illi l- parti tkun ġiet taf bil-fatt li mħabba fih tkun qed titlob ir- ritrattazzjoni wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell."*

*25. Kieku ma kienx hekk, kien ikun faċli ħafna, għal kull parti f'kawża, li tipprova taqleb is-sentenzi li jkunu għaddew f'ġudikat, b'mod illi l- prinċipju tal-istabbilità tal-ġudikati jiġi megħlub (ara Androcles Scicluna v. John Caruana, Appell Superjuri tal-25 ta' April, 1975 u Mark Pirotta et v. Caruana & Ċini Developments Company Ltd, Appell Superjuri tas-6 ta'*

[7] Illi dan la ntwera u lanqas huwa l-każ (*vide punt tnejn ta' din ir-risposta)*

*Frar, 2015). Minħabba f'hekk, id-deroga msemmija fl-Artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tingħata interpretazzjoni dejqa ħafna (ara Drive-A-Way Limited v. John Spiteri et, Appell Inferjuri tat-23 ta' Jannar, 2004);*

*.....*

***Deċiżjoni***

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda tilqa' l- preġudizzjali mqajma mill-miżżewġin Aġius u mill-kumpanija Żoqdi Developers Limited u b'hekk qiegħda tiddikjara li hija ma tistax tqis ir- rikors tal-Awtorità tal-Artijiet, ladarba hija naqset milli tinqeda bir-rimedju tal-appell biex tikkontesta l-punt tat-tluq tal-imgħax stabbilit mill-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet.*

*- **Andrew Agius u martu Nikolina Agius u Zoqdi Developers Limited (C 10213) v. L-Awtorità tal-Artijiet,** Appell Ċivili, 25 ta' Jannar 2023*

5. *lli <u>fil-mertu</u> jiġi eċċepit illi l-azzjoni tar-ritrattazzjoni mitluba mir-rikorrenti ma tistax tirnexxi taħt l-ebda mis-subartikoli ċitati mir-rikorrenti fir-rikors ta' ritrattazzjoni, u ċioe la japplika l-artikolu 811(e), la l-aritkolu 811(h) u lanqas l-artikolu 811 (l) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma jikkonkorru l-ebda mill-elementi indikati fis-subartikolu ċċitat;*

6. *Illi **b' referenza għall-<u>artikolu 811(e)</u>** liema jaqra:*

*jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;*

*għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, <u>fil-każ biss li d-deċiżjoni</u>, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;*

*jingħad, li fil-każ odjern ma saret l-ebda applikazzjoni ħażina tal-liġi.*

7. *Illi jibda sabiex jingħad illi skond ġurisprudenza assodata, ritrattazzjoni abbażi tal-artikolu 811(e) tirnexxi meta jkun ingħada ġudizzju abbażi ta' xi artikolu tal-liġi li ma jkunx jirrigwarda l-materja taħt ġudizzju. Dan ifisser illi tiġi applikata interpretazzjoni restrittiva ta' xi jfisser 'applikazzjoni ħażina'*

*tant li din ma għandix tiġi interpretata daqs li kieku wieħed jista' jitlob rittrattazjoni għaliex ma jkunx qabel mal-mod kif tiġi interpretata liġi, iżda limitatament meta tkun ġiet utilliżata l-liġi żbaljata:*

*"è espediente pure di osservare che per violazione di legge bisogna intendere la manifesta violazione, senza confonderla con l'interpretazione della legge"*

*– **Neg. F.S. Decesare v. Neg. Antonio e Francesco Darmanin**, Qorti tal-Kummerc, 23 t'April 1872;*

*U*
*"ir-rikorrenti qeghda ssostni li hi l-konvinzjoni taghha li l-Qorti ta' l-Appell applikat il-ligi hazin. Dan pero` mhux bizzejjed biex jeradika d-dritt ghal ritrattazzjoni. Hi trid tipprova bil-premessa taghha li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina u mhux li applikat il-ligijiet taghha b'mod hazin"*

***– Reginald Micallef et noe v. Godwin Abela et noe**, Qorti tal-Appell, 3 ta' Ġunju 1994;*

*U*

*"jekk jirriżulta li l-Qorti tkun applikat il-liġi l-ħażina għall-fatti kif pruvati u mhux jekk tapplika il-liġi, applikabbli għal dawk il-fatti, ħażin"*

*– **Fedele Dalli v. Coronate Sarè**, Qorti tal-Appell, 20 ta' Frar 1996;*

*U*

*"hemm lok ghal smiegh gdid fuq il-bazi ta' applikazzjoni hazina tal-ligi mhux jekk il-Qorti tkun interpretat erronjament il-ligi applikabbli ghall-meritu quddiemha imma biss jekk tkun applikat ghal dak il-meritu ligi zbaljata u cjoe ligi minflok ohra. Tant hu hekk li l-ligi stess timponi bl-Artikolu 816 Kapitolu 12 illi fir-rikors tieghu rritrattand jispecifika liema ligi kien messha giet applikata mill-Qorti, u meta r-raguni hija applikazzjoni hazina tal-ligi l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien messha giet applikata"*

***– Joseph Difesa v. L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**, Qorti tal-Appell, 6 t'April 2003.*

8. ***Illi tenut kont dan, l-azzjoni tar-rikorrenti abbażi tal-artikolu 811(e) tfalli, stante li** l-argumentazzjoni tar-rikorrenti hija ċarament msejsa, mhux fuq xi applikazzjoni ħażina tal-liġi, iżda terġa' u tgħid fuq allegat <u>apprezzament ħażin tal-provi</u> li għamlet l-Ewwel Qorti;*

9. *In fatti, r-rikorrenti jibbażaw l-argument tagħhom billi jilmentaw li huma ma kellhomx għalfejn iressqu dik imsejjħa bħala l-prova diabolica tat-titolu f'kawża ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali u dan stante li jilmentaw li huwa prinċipju assodat fil-każistika li ma hemm l-ebda bżonn ta' din il-prova.*

   *Illi kif ingħad diġa, u in sostenn ukoll mal-preġudizzjali rigward li din l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tisma' dan ir-rikors, jekk ir-rikorrenti ma qablux mal-Ewwel Qorti, dejjem setgħu iressqu appell mill-istess deċiżjoni. Fuq kollox u b'referenza għas-sentenzi ċċitati minhom, il-qrati kostituzzjonali tagħna, fiż-żewġ gradi tagħhom, taw deċiżjonijiet li jmorru id f'id mal-pożizzjoni tar-rikorrenti.*

10. *Illi in kontinwazzjoni mal-punt preċedenti, r-rikorrenti naqqsu milli jagħmlu referenza għall-liġi li fl-opinjoni tagħhom kellha tiġi applikata. Illi ssir referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell ta' nhar id-29 ta' Marzu 2023 fl-ismijiet Carmelo Mallia vs Alfred Mallia (Rik. Nru.441/17/2) fejn dik l-Onorabbli Qorti saħħqet:*

    *<u>29. Talba ta' ritrattazzjoni fuq l-Artikolu 811(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta timplika użu ta' provvediment tal-liġi flok ieħor</u> (ara Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil- 31 ta' Mejju, 2019). Għalhekk, biex tingħata r-ritrattazzjoni, irid jintwera li l-Qorti applikat il-liġi l-ħażina fis-sentenza attakkata. Huwa minħabba f'hekk ukoll li l-liġi fl-Artikolu 816 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta trid li min jitlob is-smigħ mill-ġdid ta' kawża jrid isemmi wkoll liema messha kienet il-liġi t-tajba li suppost ġiet applikata (ara Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et deċiża mill- Qorti tal-Appell fit-12 ta' Marzu, 2019).*

    *30. <u>**F'dan il-każ, Alfred Mallia ma indika l-ebda artikolu tal-liġi li ġie applikat b'ieħor. Għalhekk mingħajr tismija ta'**</u>*

***<u>artikolu tal-liġi li suppost kellu jiġi applikat minflok ieħor, it-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni ma tistax tiġi mistħarrġa għaliex jonqos fiha element essenzjali li l-liġi trid biex din tkun tista' tiġi meqjusa</u>*** *(ara Salvino Testaferrata Moroni Viani et v. David Vella noe, Appell Superjuri tal-24 ta' Settembru, 2004, Rose Gauci et v. Mr. Donald Felice et, Appell Superjuri tat-8 ta' Ottubru, 2009 u Bernardette Gatt et v. Alessandro sive Sandro Cassano et, Appell Superjuri tad-9 ta' Frar, 2023).*

*Konsegwentement u mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni tan-nuqqas ta' appell, ir-ritrattazzjoni abbażi tal-artikolu 811(e) ma tistax tirnexxi;*

11. *Illi <u>fil-mertu</u> u b'referenza* ***għall-<u>artikolu 811(h)</u>*** *liema jaqra:*

*jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal sentenza oħra ta' qabel, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett,u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża*

*jiġi eċċepit illi lanqas dan l-artikolu ma jista' jkun applikabbli f'dan il-każ u dan abbażi ta' żewġ raġunijiet;*

12. *Primarjament jingħad illi fil-każ odjern, is-sentenza li tagħha qiegħda tintagħlab ritrattazzjoni ma ġitx deċiża wara xi sentenza oħra. Illi t-test tal-liġi huwa ċar meta jirreferi għall-sentenza: oħra ta' qabel. Infatti, s-sentenza li saret referenza għaliha mir-rikorrenti u li ġiet mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera ġiet deċiża nhar is-27 ta' Jannar 2023, jiġifieri aktar minn xahar <u>wara</u> s-sentenza li minna qiegħda tintagħlab ritrattazzjoni.*

*Illi l-argumentazzjoni mressqa mir-rikorrenti rigward interess pubbliku ta' sentenzi sinkronizzati mhux biss ma jirnexxiex stante li kull Qorti għanda d-diskrezzjoni li tiddeċiedi fuq il-fatti hekk kif mressqa quddiema, iżda għaliex loġikament anqas issegwi li l-Ewwel Qorti kellha tkun sinkronizzata ma sentenza li għada mhux mogħtija.*

*Illi dan huwa fatt li waħdu jwassal sabiex tfalli mit-test l-applikabilita' tal-artikolu 811(h);*

13. *Illi,għall-kull buon fini u fit-tieni nett, anqas jista' jingħad li l-vertenza quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) u l-vertenza quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kienu ser jiddeċiedu l-istess oġġett bejn l-istess partijiet.*

*Illi mingħajr il-bżonn li jingħad l-ovvju, l-Avukat tal-Istat ma jagħmilx parti minn dawk il-proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera, fil-waqt li l-Awtorita' tad-Djar ma tagħmilx parti mill-proċeduri odjerni.*

*Di piu', l-vertenza odjerna tirrelata ma allegat ksur tad-drittijiet fundamentali u mhux ma awment fil-kirja jew żgumbrament tal-inkwilini, kif kien il-każ quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera. Illi konsegwentement, l-oġġett mhux l-istess;*

***14. Konsegwentement ir-rekwiżiti taħt is-subartikolu 811(h) mhux sodisfatti;***

15. *Illi fil-<u>mertu</u> u b'referenza għall<u>-**artikolu 811(l)** liema</u> jaqra:*

*jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.*

*Dan l-artikolu ma japplikax;*

16. *Illi l-Ewwel Qorti spjegat b'mod ċar l-kunsiderazzjonijiet tagħha b'liema wasslet għad-deċiżjoni tagħha.*
*Illi infatti**, tant ir-rikorrenti kien konsapevoli li l-prova mressqa minnu ma kinitx waħda suffiċjenti, li minn jeddu u bla ebda permess, wara li kien espost għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-esponent,** preżenta nota b'dokumenti sabiex jirribatti għall-argumentazzjoni tal-esponent li ma saret l-ebda prova tat-titolu. Illi pero, u għalkemm din in-nota ma ġietx sfilzata anzi ġiet aċċettata, **xorta waħda d-dokumenti mressqa ma kinux suffiċjenti għaliex reġgħu naqsu milli titressaq il-prova rikjesta.***

*Illi konsegwentement l-argument imressaq mir-rikorrenti, u ċioe li mid-dokumenti in atti quddiem l-Ewwel Qorti l-istess Qorti setgħet wasslet għall-konklużjoni mixtieqa mir-rikorrenti, ma jistax jirnexxi stante li r-rikorrenti tant indunaw li kienu naqsu milli jressqu quddiem il-Qorti l-prova meħtieġa li minn jeddhom stess pruvaw jikkoreġu dan. Li kieku allura dak imressaq minnhom fl-istadju tal-provi kien suffiċjenti, l-għala ħassew il-bżonn illi jerġgħu jressqu prova ulterjuri (li jirriżulta li anqas kienet ukoll suffiċjenti)?*

17. *Illi dan jorbot ukoll mal-preġudizzjali msemmi li r-rikorrenti mxew għall-proċedura ta' natura extraordinarja meta dak allegat minnhom setgħa faċilment jiġi, ipotetikament, indirizzat fl-istadju tal-appell;*

18. *Illi dak li jidher li qed jaħrab lir-rikorrenti huwa li skont l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq żball ta' fatt, «basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza». Illi l-esponent sa mill-bidu ressaq l-eċċezzjoni rigward it-titolu u l-prova li għanda tinġieb f'dan ir-rigward, konsegwentement huwa ċar li l-kwistjoni tista' titqies li kienet waħda kkontestata.*

*Dwar dwan il-punt (vide wkoll Carmelo Mallia vs Alfred Mallia (Rik. Nru.441/17/2) ġie mtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza Isidoro Agius v. Giuseppe Bugeja deċiża fit-13 ta' Ġunju, 1995 (Kollez Vol: LXXIX.ii.537) li:*

*«jekk l-iżball akkampat bħala motiv għar-ritrattazzjoni kien punt ta' kontestazzjoni li ġie maqtugħ bid-deċiżjoni impunjata, mhix ammessa ritrattazzjoni fuq il-motiv ta' dak l-iżball, u l-apprezzament u l- interpretazzjoni tal-fatti ma humiex sindakabbli, u ma jagħtux lok għar- rimedju legali tar-ritrattazzjoni.»*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad it-talba tar-rikorrenti.*

Rat ir-risposta tar-Ritrattati **Carmel Debono** u **Carmela Debono** intavolata fil-21 ta' April 2023 (fol 48) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi qabel xejn ir-ritrattati jeċepixxu n-nullita' tar-rikors promotur stante li ma hux guramentat skond kif rikjest fl-artikolu 815 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi fuq il-mertu l-esponenti qiegħed jilqa' għat-talbiet ta' l-atturi billi jecepixxi li t-talba tar-ritrattazzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Dicembru 2022 a tenur tal-Artikolu 811(e), 811(h) u 811(l) hija wahda infondata fil-fatt u fid-dritt;*

3. *Illi ghal dak li jirrigwardja l-Artikolu 811(e) tal-Kap 19 ir-ritrattandi naqas li jindika l-liema ligi giet applikat hazina. Jghid li ma hemmx il-htiega li tingieb il-prova diabolica hekk kif inhu mehtieg f'kawza actio rei vindicatoria u dak li jrid jigi pruvat huwa il-konnessjoni bejn is-sidien u l-inkwilini;*

4. *Illi meta wiehed janalizza s-sentenza jinduna li l-Qorti ma pretendietx xejn aktar ghajr konnessjoni bejn is-sidien, l-inkwlinin u l-fond in kwistjoni liema konnessjoni kienet wahda skarsa ghall-ahhar fil-provi. Meta il-Qorti fliet bir-reqqa l-provi u dokumenti esebitti innutat il-kjarenza fil-provi rigward it-titolu;*

5. *Illi fil-verita ghalhekk ir-ritrattandi qed jitolbu interprezzjoni tal-provi mill-gdid u mhux tal-ligi li skond huma giet interpretata hazina;*

6. *Fejn si tratta ta' l-aggravju taht l-artikolu 811(h) tal-Kap 12 rigward is-sentenza tal-Bord tal-Kera, l-esponenti jissottomettu li ma hemm l-ebda kontradizzjoni u dan peress li l-elementi tal-kawza ghalkemm wiehed jista' jghid li huma konnessi ma humiex l-istess;*

7. *Finalment rigward l-artikolu 811(l) tal-Kap 12 ir-ritrattandi jargumentaw li s-sentenza kienet effett ta' zball ghax mill-provi imressqa l-proprjeta in kwistjoni tissemma diversi drabi. Nonostante dan il-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Konstituzzjonali) ma kienitx sodisfatta b'dawn il-provi. Dan iffisser li r-ritrattandi ma issodisfawx il-livel ta' prova li l-proprjeta mertu tal-kawza hija taghhom. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda zball li jimmerita thassir tas-sentenza.*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Mejju 2023, fuq talba tar-rikorrenti mhux opposta mill-intimati, il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-proċess fl-istess ismijiet bir-referenza 575/2021ISB deċiża fis-7 ta' Diċembru 2022.

Rat id-Digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2023 fejn fuq talba tar-rikorrenti ordnat is-sostituzzjoni tar-rikors promotur mar-rikors ġuramentat (a fol 83) u dan in vista tal-ewwel eċċezzjoni tal-intimati.

Rat id-dikjarazzjoni tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta' Ġunju 2023 li m'għandhomx provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru 2023, wara li semgħet it-trattazzjonijiet tal-partijiet, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija proċedura ta' ritrattazzjoni li permezz tagħha r-rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tagħha tas-7 ta' Diċembru 2022 fl-istess ismijiet u tordna r-ritrattazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 811(e), 811(h) u 811(l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-intimati min-naħa tagħhom isostnu li t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll qajmu numru ta' eċċezzjonijiet preliminari.

Għalhekk, qabel ma tikkunsidra l-mertu, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati fir-risposti tagħhom.

**<u>Eċċezzjoni dwar in-nullità tar-rikors promotur *ai termini* tal-Artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

L-intimati fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom jeċċepixxu n-nullità tar-rikors promotur stante li r-rikors promotur oriġinali ma kienx maħluf kif jesiġi l-Artikolu 815 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti tosserva li din l-eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz tad-Digriet tagħha tal-15 ta' Mejju 2023 u **għalhekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-eċċezzjoni.**

**<u>Eċċezzjoni dwar il-fatt li r-rikorrenti ma kellhomx jinqdew bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni meta kellhom disponibbli għalihom id-dritt tal-appell</u>**

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Avukat tal-Istat isostni li din il-Qorti għandha tiċħad it-talba tar-ritrattazzjoni a bażi tal-fatt li r-rikorrenti ma kellhomx jinqdew bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni meta kellhom disponibbli għalihom id-dritt tal-appell.

Jibda biex jingħad illi mis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Diċembru 2022 ma kienx hemm appell, anke jekk id-dritt tal-appell kien qiegħed hemmhekk. B'hekk ir-rikorrenti, fattwalment, naqsu milli jressqu appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Din il-Qorti sejra qabel xejn tagħmel tagħha espożizzjoni ċara u sabiħa li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili[8] dwar l-istitut tar-ritrattazzjoni, meta qalet hekk:

18 *Fil-qosor il-prinċipji li jsawru l-kunċett ta' ritrattazzjoni jistgħu jinġabru kif ġej;*

19 *Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa ta' natura straordinarja li jitbiegħed mill-prinċipju ġenerali li l-ġudikat jorbot lill-partijiet (ara Alfred Mangion et v. Dr. Riccardo Farrugia nomine et, Appell Superjuri tal-25 ta' Ġunju, 2010);*

20 *Il-prinċipju ewlieni li jmexxi l-istitut tas-smigħ mill-ġdid ta' kawża huwa dak li, kemm jista' jkun, sentenza li tkun ingħatat u saret ġudikat m'għandhiex titwaqqa' malajr, imma għandha titwaqqa' biss għal raġunijiet serji u gravi li jkunu tali li l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ tal-imsemmija sentenza jkunu jmorru kontra s-sens ta' ħaqq u ta' ordni pubbliku (ara Emanuel Falzon et v. Alfred Fenech et, Appell Superjuri tal-21 ta' Mejju, 2019);*

21 *Tassew bħalma l-ordni pubbliku jippretendi ċ-ċertezza tad-determinazzjoni tad- 6 drittijiet kontestati fis-sura ta' sentenza li saret ġudikat, daqstant ieħor l-ordni pubbliku jrid li l-ebda sentenza li tkun milquta minn xi wieħed mid-difetti msemmija mil-liġi m'għandha titħalla sservi ta' paraventu għall-ħaqq (ara Soap And Sponge Company Limited v. Smt Developers Company Limited deċiża mil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru, 2005);*

22 *Kif imtenni mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza Leonard Muscat et nomine v. Onorevoli Prim Ministru et deċiża fil-31 ta' Lulju, 2000, «Kieku kellu jkun permess li l-ġudikat jiġi svalutat billi jitħalla jitlef din iċ-ċertezza li tagħtih il-liġi, kieku l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tisfa' prattikament stultifikata u x-xogħol tal-Qorti jisfa' bħax-xogħol ta' dak li jkun qiegħed jagħżaq fl-ilma»;*

23 *Proċedura ta' ritrattazzjoni fiha żewġ stadji: l-ewwel it-tiftix tar-raġuni li tista' twassal għat-tħassir tas-sentenza mogħtija (in rescindendo); imbagħad, jekk din irraġuni tinstab, is-smigħ mill-ġdid tal-kawża fl-istadju li tkun waslet fih meta ngħatat is-sentenza li tkun twaqqgħet (in rescissorio) (ara Paul Pisani et v. Emmanuel Custò et, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu, 2007);*

24 *Xogħol il-qorti sakemm tkun għadha qiegħda tqis jekk jeżistux raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar is-sentenza attakkata, huwa dak li tara biss jekk kemm-il darba tirriżultax imqar waħda mit-tnax-il ċirkostanza*

[8] 1164/2019CFS – Camilleri vs The Union Club et, 25.02.2022

*msemmija fl-artikolu 811 talKap 16 tal-Liġijiet ta' Malta (ara Negozjant Giuseppe di Ruggiero Wismayer v. Giovanni Wismayer et, Appell Superjuri tas-7 ta' Diċembru, 1936);*

25 *Kemm hu hekk, ir-ritrattazzjoni hija rimedju straordinarju mħolli li jsir biss fil-każijiet stabiliti fil-liġi, liema ċirkostanzi huma tassattivi u għandhom jingħataw tifsira ristretta u bla tiġbid jew analoġija (ara Mildred Ferrando v. Loris Bianchi pro et noe, Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 u Joseph Spiteri et v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika et, Appell Superjuri tat-12 ta' Marzu, 2019);*

26 *Fl-istadju in rescindendo din il-qorti m'għandhiex tgħarbel mil-ġdid dwar jekk hi taqbilx jew le mal-mod kif il-qorti tkun waslet għall-fehmiet tagħha fis-sentenza li tagħha qed tintalab ir-ritrattazzjoni (ara Kunsill Lokali Mellieħa et v. Central Mediterranean Development Corporation Limited et, Appell Superjuri tat-23 ta' Ġunju, 2006);*

27 *Sewwasew għalhekk ir-rimedju ta' ritrattazzjoni mhuwiex maħsub li jservi bħala xi sura ta' tielet appell, li mhuwiex konċess fis-sistema proċedurali Maltija (ara Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe, Appell Superjuri tat-13 ta' Mejju, 2013);*

28 *Kif tajjeb ħafna jpoġġiha l-awtur (illum Onorevoli Imħallef) Grazio Merċieca, f'paġna 21 tal-ktieb tiegħu, Mezzi Straordinarji Ta' Impunjazzjoni Tas- Sentenzi: «Teoretikament, fir-ritrattazzjoni, l-imħallef, hu u jirriforma ssentenza, ma jkunx qiegħed jikkontradiċi lilu nnifsu billi jqerr l-iżball tiegħu, imma jesprimi l-veru ġudizzju li jikkorrispondi għar-realtà tassitwazzjoni, sentenza li kien jagħmel ukoll qabel, li kieku kien jaf b'din is-sitwazzjoni li kienet minnu moħbija.»*

29 *L-azzjoni ta' ritrattazzjoni hija għalhekk opportunità f'waqtha sabiex jiġu msewwija nuqqasijiet fil-proċeduri, ħalli b'hekk ikun jista' jingħad li tkun tabilħaqq seħħet ġustizzja kif imiss. F'qagħda bħal din, hija preċiżament il-qorti li tkun ippronunzjat is-sentenza impunjata, li hija fl-aħjar pożizzjoni li tidentifika n-nuqqas li jkun sar u li tagħti r-rimedju xieraq fi żmien qasir. 30. «È un atto di onestà che il giudice è chiamato a fare, non già un atto di eroisimo, che la legge non richiede mai, quello di confessare la colpa di un giudizio ingiusto» - Borsari, Il Codice Italiano di Procedura Civile Annotato, 1872, f' paġna 621;*

Kif tgħallimna wkoll il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha għal każ **Dr Patrick Spiteri v. Sylvana Spiteri**[9],

*Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża*

[9] 31.05.2023

*bħala grad ieħor ta' appell (ara inter alia s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2013 u Louis Cassar v. San Lawrenz Leisure Resort Limited deċiża fil-15 ta' April, 2013).*

Issa l-Qorti f'dan ir-rigward tosserva wkoll l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Andrew Agius et v. L-Awtorità tal-Artijiet**[10] fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

*22. Illi skont l-**Artikolu 811 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, talba ta' ritrattazzjoni tista' ssir biss minn sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha. L-unika eċċezzjoni fejn tista' ssir ritrattazzjoni minn sentenza ta' qorti tal-ewwel grad, hija fejn il-parti tkun ġiet taf bir-raġuni għar-ritrattazzjoni, wara li jkun laħaq għalaq iż-żmien tal-appell (ara l-**Artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**);*

*23. Bħalma tajjeb ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Benjamin Sultana v. Giuseppe Sammut** deċiża fis-7 ta' Diċembru, 1964, il-fatt waħdu li ma jkunx sar l-appell mhuwiex fih innifsu raġuni ta' esklużjoni mir-ritrattazzjoni, jekk jintwera li r-raġuni għar-ritrattazzjoni ħarġet fil-beraħ u l-parti saret taf b'dik ir-raġuni wara li jkun ġa għalaq iż-żmien tal-appell. Bil-maqlub però, jekk il-parti li tkun qiegħda titlob ir-ritrattazzjoni kienet taf bil-fatti li setgħu jagħtu lok għar-ritrattazzjoni, meta hi, kienet għadha tista' tinqeda bir-rimedju ordinarju tal-appell, hu sewwa li dik il-parti ma titħalliex teżerċita r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni (ara **Carmel Attard v. Mario Debono et**, Appell Superjuri tas-7 ta' Ottubru, 2005 u **Vincent Azzopardi v. Blye Engineering Co. Ltd**, Appell Inferjuri tat-28 ta' Jannar, 2004);*

*24. Fis-sentenza **Joseph Cardona v. Marija Scicluna** maqtugħa fil-5 ta' Ottubru, 1994, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili osservat hekk dwar dan l-**artikolu 812**:*

*"Il-bażi ta' dan il-provvediment li jirregola l-istatut tar-ritrattazzjoni ssib l-ispirazzjoni tagħha mill-prinċipju kardinali li s-sistema ġudizzjarju hu mibni fuq l-opportunità ta' appell wieħed minn sentenza ta' l-ewwel grad u li ma hux permess ħlief f'każijiet eċċezzjonali li l-Qorti terġa' tikkonsidra dak li jkun b'mod jew ieħor għadda in ġudikat u jagħmel stat bejn il-partijiet. Hu għalhekk li ġustament il-liġi tal-proċedura biex tiffavorixxi l-istat ta' ċertezza ta' dritt tkompli tarġina u tillimita*

---
[10] 25.01.2023

*l-opportunità ta' ritrattazzjoni ta' kawżi deċiżi mill-Qorti tal-ewwel grad għall-każijiet eċċezzjonali kif provdut fl-Artikolu 812 fuq ċitat. Każijiet li jeżiġu bħala rekwiżit sine qua non illi l-parti tkun ġiet taf bil-fatt li mħabba fih tkun qed titlob ir-ritrattazzjoni wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell."*

*25. Kieku ma kienx hekk, kien ikun faċli ħafna, għal kull parti f'kawża, li tipprova taqleb is-sentenzi li jkunu għaddew f'ġudikat, b'mod illi l-prinċipju tal-istabbilità tal-ġudikati jiġi megħlub (ara* ***Androcles Scicluna v. John Caruana****, Appell Superjuri tal-25 ta' April, 1975 u* ***Mark Pirotta et v. Caruana & Ċini Developments Company Ltd****, Appell Superjuri tas-6 ta' Frar, 2015). Minħabba f'hekk, id-deroga msemmija fl-Artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tingħata interpretazzjoni dejqa ħafna (ara* ***Drive-A-Way Limited v. John Spiteri et****, Appell Inferjuri tat-23 ta' Jannar, 2004);*

*Ommiss*

*34. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet Maria Assunta Spiteri v. Joseph Micallef et deċiża fit-30 ta' Lulju, 2010, «Il-proċedura straordinarja ta' ritrattazzjoni mhix a dispożizzjoni ta' dawk li ma jkunux kuranti fil-kawża tagħhom.»*

Fil-każ appena ċitat, l-Awtorità tal-Artijiet talbet ritrattazzjoni dwar rata ta' imgħax li kienet tirriżulta mis-sentenza nnifisha mingħajr m'appellat id-deċiżjoni dwar l-istess. Il-Qorti tal-Appell għalhekk waslet għall-konklużjoni li ċertament li l-Awtorità tal-Artijiet kienet taf dwar ir-rata tal-imgħax stabbilita fis-sentenza qabel ma għalaq it-terminu tal-appell u b'hekk iddeklinat milli tqis it-talba għar-ritrattazzjoni stante li kienet l-istess awtorità li naqset milli tintavola appell.

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, jirriżulta li r-rikorrenti kienu ben konsapevoli tad-deċiżjoni meħuda minn din il-Qorti permezz tad-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Diċembru 2022, fejn kienet iddikjarat li r-rikorrenti ma kellhomx l-interess ġuridiku neċessarju sabiex il-Qorti tikkunsidra l-allegata lanjanza tagħhom meta għalaq it-terminu tal-appell. Ir-rikorrenti jinsistu li din il-Qorti għandha tilqa' t-talba tagħhom minħabba li l-Qorti naqqset milli tirrikonoxxi fatti li rriżultaw mill-atti stess u applikat liġi b'mod ħażin u dan *ai termini* tal-Artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Isegwi li jekk kemm-il darba kienet liġi li ġiet applikata ħażin jew s-sentenza kienet effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza, ir-rikorrenti kienu jafu b'dan fil-mument li ngħatat is-sentenza u ma seta' kien hemm ebda tibdil f'dan ir-rigward wara l-għeluq tat-terminu tal-appell. Oltre minn hekk kwalunkwe dokumenti in atti ċertament li ma nbidlux wara l-iskadenza tat-

terminu tal-appell. Kienet unikament l-għażla tar-rikorrenti nnifishom li m'appellawx id-deċiżjoni in kwistjoni fuq dawn il-binarji.

**Għalhekk din il-Qorti qed tqis li fir-rigward tat-talbiet *ai termini* tal-Artikoli 811(e) u 811(l) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ma tistax tqis ir-rikors tar-rikorrenti la darba dawn naqsu milli jinqdew bir-rimedju tal-appell.**

Madanakollu, fir-rigward tat-talba tar-rikorrenti *ai termini* tal-Artikolu 811(h) tal-Kap 12, jirriżulta li s-sentenza li qed jiċċitaw ir-rikorrenti ġiet deċiża fis-27 ta' Jannar 2023 u b'hekk wara li skada t-terminu tal-appell. B'hekk la darba l-fatt, u ċjoè s-sentenza, ġiet a konoxxenza tar-rikorrenti wara li skada t-terminu tal-appell, **din il-Qorti sejra fir-rigward tat-talba *ai termini* tal-Artikolu 811(h) tiċħad l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**<u>L-Artikolu 811(h) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta</u>**

L-Artikolu 811(h) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi testwalment hekk:

> *jekk is-sentenza tkun kuntrarja għal* ***sentenza oħra ta' qabel***[11]*, deċiża bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oġġett, u li għaddiet f'ġudikat, basta li l-eċċezzjoni ta' res judicata ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża;*

Ir-rikorrenti fl-argumentazzjoni tagħhom isostnu li s-sentenza attakkata deċiża fis-7 ta' Diċembru 2022 tmur kontra dak deċiż fis-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera deċiża fit-23 ta' Jannar 2023.

L-intimati, min-naħa tagħhom jissottomettu li s-sentenza li qiegħed jirreferi għaliha l-artikolu 811(h) trid tkun sentenza li ngħatat <u>qabel</u> is-sentenza attakkata mentri f'dan il-każ is-sentenza tal-Bord ingħatat aktar minn xahar wara.

Din il-Qorti tqis li l-Artikolu 811(h) huwa ċar fil-kliem tiegħu meta jindika li s-sentenza kuntrarja trid **tkun deċiża qabel** is-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni dwarha. Ċertament li ma jkun jagħmel l-ebda sens li parti tkun tista' tattakka sentenza li ngħatat fil-passat minħabba sentenza li ngħatat wara. Il-Qorti hawnhekk taqbel mas-sottomissjoni magħmula mill-intimati Debono li semmai biex ma jkunx hemm kontradizzjoni s-sitwazzjoni kellha tkun bil-kontra u ċjoè li tintalab ritratrattazzjoni tad-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera a bażi tad-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-7 ta' Diċembru 2022.

---

[11] Emfażi tal-Qorti

Għalhekk il-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrenti taħt din il-kawżali wkoll ma jistħoqqiliex li tintlaqa'.

Illi ladarba m'hemmx raġunijiet tajbin li għalihom is-sentenza attakkata għandha titħassar, lanqas hemm raġunijiet tajbin biex l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid.

**<u>DECIDE</u>**

**Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn kompatibbli ma' dak hawn fuq ikkunsidrat, tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-7 ta' Diċembru 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**